MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 351/2005/1

**Julia Coleiro**

**v.**

**Carmel Coleiro**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenut minn sentenza moghtija fil-25 ta' Ottubru 2013 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut, ghaddiet sabiex ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwida u taqsam l-assi taghha bejn il-partijiet, ordnat il-bejgh tad-dar matrimonjali bl-isem 'Elba' Triq il-Knisja, Tarxien b'dan li r-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet; bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**Fatti**

2. Il-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Dicembru 1982 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggjorenni. L-inkwiet matrimonjali beda ghal habta ta' Novembru 2002 meta l-konvenut beda jiffrekwenta tfajla fuq bazi regolari u sa anke kien dahhalha fid-dar matrimonjali. Huwa kien jghid, u ghadu jghid, li din it-tfajla kellha bzonn l-ghajnuna, u kien ghalhekk li hu kien jiffrekwentaha u jaghmilha ta' *social worker* maghha. Konsegwentement ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet iddigenerat sa dal-punt li eventwalment l-attrici waslet taghmel il-proceduri odjerni.

3. Il-konvenut appella minn din is-sentenza u qed isejjes l-appell tieghu fuq erba' aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta

ikkonkludiet li l-htija ghas-separazzjoni bejn il-partijiet tirrisjedi fuq il-konvenut; [2] li wkoll ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ikkonkludiet li mill-provi kien jirrizulta li meta l-konvenut deher fuq il-kuntratt ta’ xiri-u-bejgh tal-art li fuqha sussegwentement inbniet id-dar konjugali, huwa deher mhux f’ismu biss, izda wkoll ghan-nom u fl-interess tal-attrici; [3] li l-ewwel Qorti zbaljat meta, filwaqt li irrikonoxxiet li matul il-proceduri l-attrici kienet zbankat diversi sommom ta’ flus, osservat li dan ghamlitu wkoll sabiex thallas l-ispejjez ghall-bzonnijiet li kellha, u ghal din ir-raguni l-ewwel Qorti irriduciet l-ammont li ghandha taghti l-attrici ghal €7,500; u [4] li huwa ma kellux jigi akkollat ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza, ghax it-tort ghas-separazzjoni jirrisjedi fuq l-attrici, jew *in subsidium* ma kellux jinzamm unikament responsabbli ghall-istess.

4. Ghar-ragunijiet premessi l-konvenut qed jitlob il-varjazzjoni tas-sentenza fid-dawl tal-aggravji tieghu, u li l-ispejjez tal-appell odjern ghandhom jigu akkollati lill-attrici appellata.

5. L-attrici, fir-risposta taghha qed titlob li l-appell tal-konvenut jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

*L-ewwel aggravju*

6. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz meta waslet ghall-konkluzjoni li l-htija ghas-separazzjoni kienet tirrisjedi

fuq il-konvenut. Inoltre, ma kellhiex tapplika fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

7. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> "Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-atteġġjament tal-konvenut; il-Qorti hija konvinta li l-allegazzjoni tal-attriċi – sorretta mid-diversi xhieda fir-rigward – li l-konvenut qiegħed f'relazzjoni ma' Virginia Portelli u allura kkommetta adulterju hija veritijiera. Kif ġja' ssemma l-Qorti semgħet lill-partijiet jixhdu in kontro-eżami u waqt is-smigħ tad-diversi rikorsi li saru matul il-kawża, u rat il-komportament tal-konvenut meta kien qed jixhed. Dan kollu wassal lill-Qorti għall-konvinċiment li l-konvenut minħabba f'hekk ikkawża t-tifrik taż-żwieġ. Ir-raġunijiet jew skużi li ressaq il-konvenut, u ċjoe' li jagħmilha ta' ħaddiem soċjali *part-time* sabiex jieħu ħsieb l-imsemmija Portelli ma jikkonvinċu lil ħadd. Il-konvenut **mhux *social worker* minkejja l-pretensjonijiet konsiderevoli tiegħu** u anke kieku kien dan il-fatt ma jispjegax il-frekwentazzjoni kontinwa tiegħu magħha; biżżejjed wieħed jara d-depożizzjoniet ta' Catherine Bonnici, Victor Mifsud, Pasquale Papa u Gaetana Azzopardi fost oħrajn. Addirittura huwa kien preżenti f'kuntratt ta' lokazzjoni li għamlet Virginia Portelli u deher bħala r-raġel tagħha!
>
> "Illi minħabba f'hekk il-partijiet spiċċaw jgħixu f'*'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967). Kif dejjem ġie ritenut: *"Għalkemm indubbjament kien hemm raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ, l-adulterju dejjem kien meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi illi għaliha l-Qorti tawtoriżża s-separazzjoni personali"* (**Vol XXXVII –** parti ii, paġna 693).
>
> "Illi stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga r-raġunijiet oħra li jwasslu għal separazzjoni iżda għal kull *buon fini* qed jingħad li jekk l-aġir tal-konvenut ma jwassalx għal dikjarazzjoni ta' adulterju ċertament iwassal għal dak ta' nġurji gravi li kkawża hu lill-attriċi."

8. Fi ftit kliem l-ilment tal-konvenut huwa li, meta l-ewwel Qorti stabbiliet li r-raguni tas-separazzjoni kienet ir-relazzjoni adulteruza li hu kellu ma' Virginia Portelli, il-Qorti ma kellhiex tieqaf milli tkompli tezamina r-ragunijiet l-ohra li setghu kienu wkoll kawza tas-separazzjoni. Huwa jghid li, qabel ma hu beda

jaghti "l-ghajnuna" lill-imsemmija Portelli, huwa kien ilu zmien twil jissaporti l-atteggjament hazin tal-attrici fil-konfront tieghu. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx il-piz dovut ghall-ispjegazzjonijiet moghtija minnu u ghad-dikjarazzjonijiet maghmula minnu. Jghid li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dak sottomess minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

9. Fir-rigward din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

10. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirribadixxi l-principju affermat fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief f'kaz ta' zball manifest jew l-ezistenza ta' ragunijet gravi li jwasslu sabiex parti ssofri ingustizzja. L-oneru tal-prova li jezistu tali ragunijiet jinkombi fuq l-appellant[1].

11. Dan japplika b'aktar qawwa fil-kaz prezenti fejn l-ewwel Qorti semghet ix-xhieda *viva voce* tal-partijiet, u ghalhekk, kif mistqarr fis-sentenza, kellha l-opportunita` li tosserva l-komportament taghhom waqt li kienu qed jaghtu d-depozizzjoni taghhom u tasal ghal konkluzjonijiet taghha. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment li taghti affidabilita` lill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici, filwaqt li tiskarta dik tal-konvenut.

[1] Ara fost ohrajn: ***App. C. Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et, 10 ta' Jannar 1995; u App. C. Paul Formosa v Salvu Deboni*** – *5* ta' Ottubru 200.

12. L-ewwel Qorti kienet cara fil-hsieb taghha li t-tifrik taz-zwieg kien dovut ghar-relazzjoni extra-matrimonjali li l-konvenut kien dahal fiha matul il-konvivenza matrimonjali. Ibbazat il-konkluzjoni taghha fuq il-"frekwenza kontinwa" tal-konvenut ma' Virginia Portelli, tfajla ta' circa 20 sena, tant li fuq kuntratt ta' lokazzjoni li ghamlet l-istess Portelli, u li ghalih kien prezenti wkoll il-konvenut, hija ddikjarat li kienet mart il-konvenut. L-istess Qorti tghid li "ir-ragunijiet jew skuzi li ressaq il-konvenut, u cioe` li jaghmilha ta' haddiem socjali *part-time* sabiex jiehu hsieb l-imsemmija Portelli ma jikkonvincu lil hadd". Tenut kont li l-konvenut, ghalkemm huwa ghalliem, m'huwiex *social worker.*

13. Din il-Qorti hija tal-fehma li mill-atti processwali jezistu elementi ta' prova bizzejjed u *ex abundantia* sabiex l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe` li r-rapport li l-konvenut kellu ma' Virginia Portelli kien izjed minn semplici hbiberija, izda kienet relazzjoni adulteruza fil-berah b'dispett car lejn martu u bi pregudizzju serju ghall-konvivenza matrimonjali, tant li eventwalment wasslet ghat-tkissir taz-zwieg.

14. Ghalkemm in sostenn tal-verzjoni attrici xehdu diversi nies li huma b'xi mod parentati maghha, hemm ukoll xhieda estraneji li stqarrew fatti li necessarjament iwasslu ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, u cioe` li l-konvenut fil-fatt kellu relazzjoni extra-matrimonjali mal-imsemmija Virgina Portelli.

15. Pasquale Papa[2], habib tat-tifla tal-partijiet, jistqarr li gieli kien jara lill-konvenut f'Paceville gewwa xi *night-club*, jghid:

> "…In-night-clubs kont narah wara nofs il-lejl. Gewwa *nightclubs* rajtu xi tlett darbiet xi tlett snin ilu. Kien ikun ma' tfajla, kienet zghira, madwar l-eta` tieghi jew ftit akbar. Jien ghandi 23 sena. Meta rajtu jien kien ikun dejjem maghha. Rajthom jizfnu, jitghannqu, jimxu *hand in hand* u jaghtu bewsa. Il-bews kien ta' bejn guvni u tfajla. Rajtu l-Fuego u Havana, Paceville. Naf li rani ghax waqaf ikellimni."

16. Oliver Abela, investigatur privat imqabbad appozitament mill-attrici, jikkonferma li l-konvenut kien jghaddi ljieli shah fil-flat ta' Virginia Portelli. Dan jghid li mill-investigazzjonijiet li saru irrizulta li ghal certu perjodu ta' zmien il-konvenut kien jghix fil-fond Haz Zabbar flimkien ma' Virginia Portelli. [3]

17. Mary Sultana, oht Virginia Portelli, li tghix Ghawdex, stqarret li din kienet tigi flimkien mal-konvenut biex "taparsi jarawni". Tghid li mid-diskors taghhom indunat li kien hemm xi haga bejniethom. Kellhom kunfidenza bejniethom, kienu jitkellmu minn taht l-ilsien, jiccajtaw u jidhqu. Tghid li hi kienet wissiet lil ohtha sabiex ma tergax tmur ghandha flimkien ma' ragel mizzewweg. [4]

18. Mary Rose Scicluna li kienet kriet lil Virginia Portelli post taghha gewwa Marsascala minn Lulju sa Novembru 2004 tghid:

> ". . Wara hames xhur bdejt ninduna li ma kienx *social worker* qed jghinha. Jekk hu *social worker* ma titlax labbranzetta mieghu u thokk mieghu. L-interess

---

[2] Dep. 26 Ottubru 2006, fol. 579
[3] Foll. 710 *et seq.*
[4] Foll. 581 *et seq.*

> tieghu ma kienx dak ta' *social worker* lejn il-pazjent [sic] tieghu. Kien jidher li kien hemm certu intimita` bejniethom."[5]

19. Il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti ma ghaddietx biex tezamina dak allegat minnu, u cioe` li ferm qabel ma hu kien beda jaghti l-ghajnuna tieghu lil Virginia Portelli l-komportament tal-attrici fil-konfront tieghu kien wiehed abbuziv u li hu kien ilu jissaporti dan il-komprtament ghal zmien twil. Jghid li l-attrici kienet tillitiga kontinwament u hu kien dejjem icedi. Dan il-komportament kien jikkostitwixxi sevizzi in kwantu kienu ripetuti u kontinwi, b'mod li kienu ghamlulu hajtu infern. Jghid li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dan l-ilment tieghu u minhabba f'hekk:

> "tinghata l-impressjoni li jista' jkun li jew bi svista jew b'mod selettiv, l-ewwel Qorti ma kkonsidratx jew injorat dak li spjega l-esponent rifferibbli ghal dak li kien l-atteggjament tal-attrici lejh qabel ma dahlet fl-istampa l-allegata [*sic*] terza persuna, u tidher li ffokat biss fuq ir-relazzjoni tal-kontendenti fiz-zmien meta dahlet l-allegata [*sic*] terza persuna."

20. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ma kienitx tenuta li fis-sentenza taghha tnizzel dak kollu sottomess mill-partijiet, u l-fatt li dik il-Qorti ma semmietx dak li qal il-konvenut, ma jfissirx li ma kkonsidratx il-provi kollha li tressqu quddiemha, inkluzi l-ispjegazzjonijiet li ta il-konvenut. Fil-kaz odjern, fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti tghid espressament li "*ezaminat sewwa l-atti",* izda waslet ghall-fehma li taghti affidament lill-verzjoni attrici u mhux dik moghtija mill-konvenut. Ikkonkludiet li t-tort tal-firda kien tal-konvenut minhabba adulterju u indikat ir-ragunijiet li fuqhom ibbazat il-konkluzjoni

[5] Foll. 583 *et seq.*

taghha. Dan ifisser li l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-konvenut ma kkonvincewx lill-ewwel Qorti li ghalhekk skartathom.

21. Fir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni li, filwaqt li l-verzjoni tal-attrici tinsab sostnuta minn diversi xhieda, dik tal-konvenut ma ssibx korroborazzjoni. Il-konvenut strah fuq ix-xhieda tieghu, u l-ewwel Qorti hasset li ma kellhiex taghtih affidament. Ma jirrizultax provat li qabel ma dahlet fix-xena Virginia Portelli, r-relazzjoni bejn il-partjiiet kienet tant hazina li kienu diga` jezistu ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali. Anzi l-provi juru l-kuntrarju, u cioe` li qabel dik id-data r-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet kienet wahda normali kif jirrizulta wkoll mid-deposizzjonijiet tat-tfal tal-partijiet. Izda, kif sottomess mill-attrici, anke jekk *dato non concesso* il-konvenut kellu x'jilmenta mill-komportament tal-attrici, zgur li ma kienx gustifikat li jidhol f'relazzjoni extra-matrimonjali u jabbanduna d-doveri tieghu ta' ragel mizzewweg u ta' missier ta' zewgt itfal.

22. Huwa jirreferi ghal siltiet mid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u cioe` ghal dak mistqarr minnu li l-attrici permezz ta' ittra kienet skuzat ruhha talli kienet bezqitlu u kellmitu hazin; ukoll fejn jghid li l-attrici kienet qaltlu li kienet ser teqirdu u ggibu dahru mal-hajt, tallab; u jirreferi wkoll ghal diversi incidenti li jghid li sehhew mis-sena 2003 'il quddiem meta tefghatlu l-hwejjeg kollha fil-garaxx mal-art imxerrdin, meta imbuttatu u ghajjritu, kif ukoll meta kienet

issabbat il-bibien tal-cupboards, u sahansitra tefghatlu affarijiet ghal wiccu. Jghid li l-atteggjament tal-attrici fil-konfront tieghu kien ibezzghu.

23. Fl-appell tieghu l-konvenut ikompli jishaq li hu ma kellux relazzjoni adultera ma' Virginia Portelli. Huwa spjega u baqa' jinsisti li huwa "kien semplicement qed jipprova jiddedika l-hin tieghu biex jghin lil dik il-persuna". Ghalhekk jghid li l-ewwel Qorti fehmet hazin il-komportament tieghu, u ma kien hemm la ingurja gravi u wisq anqas relazzjoni adultera. Jghid li f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti kellha tikkonsidra:

> "jekk setax kien il-kaz li meta l-attrici ma haditx gost b'din l-ghajnuna li huwa kien qed jaghti lil tali persuna, din bdiet timmagina jew tikkonkludi li kienet ghaddejja xi haga aktar minn ghajnuna u jekk din bdietx iggib ruhha b'mod dejjem aktar aggressiv lejh minhabba tali raguni – atteggjament li minn dak spjegat mill-esponent certament kellu jitqies li kien wiehed li seta' biss ibieghed aktar lill-esponent minnha u mhux jindirizza kwalsiasi divergenzi li seta' kien hemm bejniethom."

24. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument huwa banali u jkompli juri kemm l-ewwel Qorti kienet ghaqlija fid-decizjoni taghha. Din il-Qorti tosserva li l-konvenut, bhala ragel mizzewweg u missier ta' zewgt itfal kellu d-dover primarju li jagixxi fl-interess tal-mara tieghu u tal-familja tieghu, u ladarba kien konxju li l-hbiberija tieghu ma' Virginia Portelli kienet kagun ta' mrar ghal martu, allura d-dover tieghu ma kienx li jghin lil Portelli, izda li jkun sensittiv lejn l-bzonnijiet u s-sentimenti ta' martu, billi jiddezisti milli jara lil Portelli. Huwa pero` m'ghamilx hekk, u, minflok, kompla bir-relazzjoni extra-matrimonjali bir-rizultat li l-konvivenza matrimonjali kienet saret impossibbli, mhux minhabba l-komportament ta' martu li probabbilment kienet tirreagixxi

b’mod qawwi ghas-sitwazzjoni lil gabha fiha l-konvenut, izda ghax il-konvenut ghazel ir-relazzjoni adultera li kellu ma’ Virginia Portelli fuq dik matrimonjali u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li m’ ghandhiex ghalfejn tikkonsidra ragunijiet ohra proposti mill-partijiet, ghax il-provi juru li t-tkissir taz-zwieg kien unikament kagun tar-relazzjoni adultera tal-konvenut. Konformament l-ewwel Qorti gustament ippronunzjat il-htija tal-konvenut ghall-firda u akkollatlu l-ispejjez kollha tal-kawza.

25. Fir-rikors tieghu l-konvenut jghid li l-komportament ta’ martu kien abbuziv ghax din “eccediet minghajr dubbju dak li kellu jitqies li kellu jkun fil-limitu tat-tollerabbilita` billi bdiet tittratta lill-esponent b’mod tassew hazin”. Din il-Qorti tosserva li meta l-komportament tal-attrici jitqies u jigi ezaminat fid-dawl tas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha, wiehed ma jridx xi sforz qawwi tal-intellet biex jifhem li l-komportament taghha kien reazzjoni kagunat mid-dwejjaq u l-imrar li r-relazzjoni li zewgha dahal fiha bil-miftuh <u>matul il-konvivenza matrimonjali</u> kien ikkagunalha. Biex wiehed jifhem l-istat mentali li fih il-konvenut gab lill-attrici, u kemm verament l-attrici kienet riedet tipprova ssalva z-zwieg taghha, il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta’ ohtha Marianne Mifsud fejn, wara li din ddeskriviet incident li fih l-konvenut sabbat il-bieb f’wicc l-attrici u weggaghha, tghid li l-attrici kienet nizlet gharkoptejha u bdiet tghidlu ‘nahfirlek, erga’ ejja lura u nahfirlek’[6] Izda minkejja dan, il-konvenut ma riedtx jaf, u minflok, baqa’ ghaddej bir-relazzjoni extra-matrimonjali.

[6] Fol. 382

26. Fil-parti konklussiva ta' dan l-aggravju l-konvenut jaghmel tentattiv banali biex jipprova jiggustifika l-involviment tieghu fil-kuntratt ta' lokazzjoni li Virginia Portelli kienet ghamlet, biex bl-ghajnuna tal-konvenut kriet post f'Haz Zabbar. Il-provi fir-rigward juru li lil sid il-kera, Gaetana Azzopardi, huma kienu qalulha li kienu mizzewwgin , izda fir-rikors tal-appell tieghu il-konvenut jghid li "kien biss bi zball jew nuqqas ta' ftehim li kien inftiehem li huma kienu mizzewwgin." Din is-sottomissjoni ssib kuntrast qawwi fix-xhieda ta' Gaetana Azzopardi, xhud estraneju, li kienet kriet il-post lil Virginia Portelli u li jigi adjacenti mar-residenza taghha. Fl-okkazzjoni li fiha saret l-iskrittura privata fil-11 ta' Settembru 2006 ghand in-nutar u li ghaliha kien prezenti wkoll il-konvenut, huma qalu li kienu mizzewwegin, tant li fuq il-kuntratt Virginia Portelli identifikat ruhha bhala "mart Charles Coleiro [separazzjoni tal-beni]".[7]

27. L-istess Gaetana Azzopardi tghid fir-rigward li huma kienu marru flimkien biex jikru l-post u qalulha li kienu mizzewwgin:

> "…flimkien gew jikru l-post …. Jien staqsejthom jekk kienux mizzewwgin, ghax ma ridtx prostituti u hi qaltli li kienet mizzewwga ma' Charles. Jien staqsejtu lilu wkoll, u hu qalli li ma kienx ser ikun hemm problema…. . Dejjem flimkien kienu meta narahom. Fil-post li krejtilhom jghixu Charles u Virginia. Jidhlu u johorgu flimkien. Narahom il-bicca l-kbira filghaxija …. Kieku ma kienux qaluli li kienu mizzewwgin ma kont nikrilhom xejn…. . sakemm qaluli li kienu gidbuli baqghu jghiduli li huma mizzewwgin……kienu jmorru *shopping* flimkien…. . [il-konvenut] kien jorqod hemmhekk u jipparkja l-karrozza l-hamra u jghattiha fil-weekend…. Nghid li Carmel kien jorqod hemm ghax kien ikun hemm il-karrozza pparkajata… Hu anke hwejjeg jahslilha u jonxrilha……………… Fil-post tieghi ilhom jghixu flimkien minn Settembru 2006".[8]

[7] Fol. 705
[8] Foll. 701 et Seq. – Depoz. 15 Frar 2007

28. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda ta' Gaetana Azzopardi, jirrizulta li mhux talli ma kien hemm ebda zball izda kien hemm ingann da parti tal-konvenut u tal-habiba tieghu fil-konfront tal-istess xhud meta, sabiex din tikrilhom il-post intiz sabiex jghixu fih flimkien, huma qalulha u ddikjaraw quddiem in-nutar li kienu mizzewwgin. Kull kumment iehor huwa superfluwu.

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat

*It-tieni aggravju*

30 Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddecidiet li l-fond fuq indikat li kien qed iservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "**Beni immobbli**;
>
> "L-attriċi bħalissa tgħix fid-dar matrimonjali tramite digriet ta' din il-Qorti in vista ta' nuqqasijiet serji li kien qed ikun hemm bejn il-kontendenti. L-art kienet inxtrat fl-1978 u fuq il-kuntratt deher biss il-konvenut, il-partijiet kienu tgħarrsu *circa* sena qabel. Minħabba f'hekk hemm nuqqas ta' qbil u kontestazzjoni qawwija dwar jekk hijiex parafernali tal-konvenut jew hijiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.
>
> "Illi dwar dan, f'dawn l-aħħar snin, il-Qrati tagħna biex isewwu inġustizzji ċari li setgħu jiġru minħabba użanzi ta' dak iż-żmien li r-raġel huwa l-kap tal-familja u dan l-atteġġjament kien jibda anke waqt l-għerusija adoperaw il-prinċipju tal-hekk imsejjaħ *prestanome* naturalment meta dan seta' jsir skont il-provi mressqa fil-każ partikolari:
>
> > *"… il-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezerċita drittijiet ta' propjetarju, mentri fi-realta' huwa sempliċement mandatarju. Meta huwa f'din*

> *il-kwalita` ta' mandatarju prestanom jakkwista l-proprjeta` ta' ħaġa immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tiġi trasferita l-proprjeta` tal-ħaġa u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiż akkwirent, mhux ħlief mandatarju."* (**"Prof. Anthony J Mamo noe vs Nobbli Charles Sant Fournier"**, deċiża mill- Qorti tal-Appell, fit-2 ta' Mejju 1957).

"Illi fis-sentenzi riportati fil-**Vol. XXVIII-60** u **XXXVII-I-350**, intqal li:

> *"… il-prestanome li jkun ġie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni għall-formalita` tal-att pubbliku biex minnu jkun jirriżulta di fronte għat-terzi li dak l-akkwist, apparentment magħmul mill-mandatarju f'ismu propju, kien fir-realta' ġie magħmul għall-mandant tiegħu u jekk il-mandatarju ma jottomperax ruħu għal dan l-obbligu, huwa jista' jiġi kostrett mill-mandant għall-eżekuzzjoni speċifika ta' dak l-obbligu tiegħu li jittrasferixxi lill-mandant il-fondi akkwistati f'ismu proprju."* (F'dan is-sens wieħed jista' jagħmel ukoll referenza għas-sentenzi: **"Galea vs Gauci"** deċiża fl-24 ta' April 1931, **"Meli vs Meli"** deċiża fil-25 ta' Mejju 1927, u **"Briguglio vs Parnis"** deċiża fit-28 ta' Diċembru 1928.

"Illi f'dan il-każ il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless taċ-ċirkostanzi li ġew pruvati, għandha tadotta dak dispost fis-sentenza **"Marthese Vella et noe vs George Vella"** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003, u dik tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Rosario Agius vs Carmelo Agius"** deċiża fis 26 ta' Ġunju 2003, u għaldaqstant tqis din il-proprjeta` bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-fatturi l-aktar important huma li l-kuntratt tal-akkwist sar fl-1978 u allura meta l-partijiet kienu ġja' ilhom sena għarajjes formalment; l-art inxtrat għas-somma ta' elfejn sitt mija u disgħa u sebgħin Lira Maltin (LM2,679) u l-attriċi ħarġet minnhom total ta' ħames pagi illi kienet għadha kif ipperċepiet. *Oltre* dan hija kkontribwiet sostanzjalment għall-bini tad-dar kemm finanzjarjament u kemm manwalment. Għalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-iskop tal-akkwist kien li l-partijiet jixtru l-fond in kwistjoni flimkien. Kif intqal fis-sentenza **"Vella vs Vella"** fuq imsemmija, *"… l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' ħaddieħor jiswa avolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-oħra ma jkunx sar bil-miktub …"* (**Vol. XXXIV-ii-430, Vol. XXXVII-i-350, XXVIII-i-620 u XXVIII-i-60). Il-Qorti naturalment se tordna l-bejgħ tad-dar biex kull parti tieħu sehemha, u ma għadx hemm lok biex l-attriċi tibqa' tgħix fiha ad esklużjoni tal-konvenut. Ma jibqa' infatti ebda raġuni għala dan l-istat ta' fatt għandu jibqa' jipperdura.**

31. Il-konvenut appella minn din il-parti tas-sentenza u f'dan l-aggravju tieghu ressaq diversi fatturi li, skont hu, l-ewwel Qorti naqset li tieghu konjizzjoni taghhom, bir-rizultat li waslet ghal decizjoni zbaljata. Huwa jsostni li, peress li l-proprjeta` kienet inbniet qabel iz-zwieg u fuq art akkwistata minnu

qabel iz-zwieg, id-dar kienet proprjeta` parafernali tieghu u mhux tal-komunjoni tal-akkwisti.

32. Huwa jissenjala s-segwenti fatti u konsiderazzjonijiet.

33. Hu pacifiku li l-art inxtrat qabel iz-zwieg, permezz ta’ kuntratt datat 2 ta’ April 1978, filwaqt li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta’ Dicembru 1982. Fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-art kien deher il-konvenut biss, u fil-maggor parti taghha d-dar kienet lesta qabel iz-zwieg.

34. Il-konvenut jghid li, ghalkemm hu kien involva hafna lill-attrici fid-decizjonijiet dwar l-akkwist tal-art u l-pjan ta’ kostruzzjoni tal-bini fuqha, u ghalkemm il-bini kien intiz sabiex iservi bhala d-dar matrimonjali, l-intenzjoni tieghu dejjem kienet li kemm l-art kif ukoll il-bini ta’ fuqha jkunu jappartjenu lilu biss. Tant hu hekk li, fuq il-kuntratt, kien deher hu biss bhala l-akkwirent, u li l-bini sar principalment bil-hidma tieghu. Huwa kien ghamel hafna xoghol manwali fid-dar, u kien hallas l-ispejjez tal-kostruzzjoni kollha hu, kif jixhdu d-diversi ricevuti esebiti minnu li, apparti milli juru li l-pagamenti kienu jsiru minnu juru wkoll li hafna mix-xoghol kien tlesta qabel iz-zwieg.

35. Huwa jaghmel referenza ghad-diversi kontijiet u ricevuti esebiti fl-atti li juru l-ammonti mahruga minnu u d-data tal-pagamenti, ghax-xoghol li sar fil-

kostruzzjoni tad-dar.  Dawn jirreferu ghall-perjodu bejn April 1979 u Mejju 1982.

36. Jghid li dawn il-fatturi jsostnu t-tezi tal-konvenut li qatt ma kien hemm ftehim bejnu u bejn l-attrici li l-akkwist tal-art minnu kien sar ukoll ghan-nom u fl-interess tal-attrici.  Jichad li kien hemm tali ftehim, u ghalhekk isostni li l-ewwel Qorti zbaljat meta applikat il-principji tal-mandat [*prestanome*] u ddecidiet li l-art kienet fil-fatt taz-zewg partijiet.  Huwa jilmenta li r-ragunijiet indikati mill-ewwel Qorti wassluha ghad-decizjoni li f'dan il-kaz kienu applikabbli r-regoli tal-*prestanome*, huma *in parte* insufficjenti bhala prova tal-ezistenza tal-mandat, u *in parte* m'humiex sufficjentement sostnuti mill-provi.

37. Fir-rigward l-ewwel Qorti, wara li kkonkludiet li l-proprjeta` kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, qalet hekk:

> "Il-fatturi l-aktar importanti huma li l-kuntratt tal-akkwist sar fl-1978 u allura meta l-partijiet kienu gia` ilhom gharajjes formalment; l-art inxtrat ghas-somma ta' elfejn, sitt mija u disgha u sebghin lira maltin [LM2,679] u l-attrici harget minnhom total ta' hames pagi illi kienet ghadha kif ippercepiet.  Oltre dan hija kkontribwiet sostanzjalment ghall-bini tad-dar kemm finzanzjarjament u kemm manwalment.  Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-iskop tal-akkwist kien li l-partijiet jixtru l-fond in kwistjoni flimkien."

38. Il-konvenut jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar din il-parti tas-sentenza.

39. Il-fatt li meta l-konvenut akkwista l-art il-partijiet kienu formalment gharajjes, kif ukoll il-fatt provat li l-akkwist tal-art kienet intiza sabiex tinbena d-dar matrimonjnali tal-partijiet, ma jwasslux necessarjament ghall-konkluzjoni li allura l-konvenut akkwista l-art anke ghan-nom tal-attrici. Huwa jissenjala l-fatt li, ghalkemm l-attrici kienet taf li hu kien ser jixtri l-art, tant li hi tghid li kienet prezenti ghall-kuntratt, xorta wahda hi ma ffirmatx l-att ta' xiri-u-bejgh, u inoltre ma ressqet ebda raguni valida ghaliex ma deheritx fuq l-att tal-akkwist; ma rrizultax li kien jezisti xi impediment legali li kien jimpedixxi lill-attrici milli tidher hi wkoll fuq il-kuntratt tal-akkwist. Dan ma ghamlitux proprju ghax il-partijiet kienu konxji tal-fatt li x-xiri tal-art kien qed isir mill-konvenut biss. Jghid li di fatti l-attrici rrikonoxxiet li l-konvenut kellu LM2,000 meta nxtrat l-art.

40. Ikompli jghid:

> "…il-verita` hi li l-esponent kien deher wahdu ghall-kuntratt proprju ghaliex kien u hiss li kien qed johrog il-flus ghal dik l-art u li ma hemm l-ebda raguni li b'xi mod tiggustifika ghalfejn l-esponent kien qed jidher fl-interess tal-attrici wkoll meta nxtrat l-art ghaliex li kieku din verament kienet qed takkwista l-art flimkien mieghu, din kienet tidher ghall-kuntratt u tiffirmah flimkien mieghu. Ma nghata l-ebda raguni valida mill-attrici li b'xi mod tiggustifika ghalfejn din kellha taghzel li ma tidhirx fuq il-kuntratt u ghaldaqstant il-konkluzjoni ghandha tkun li din ma dehritx ma' l-esponent bhala akkwirent proprju ghaliex kien hu biss li kien qed jixtra l-art wahdu…. .
>
> "… ghalkemm id-dar kienet intenzjonata li titgawda miz-zewg kontendenti ma jidher li kien hemm u fil-fatt ma kien hemm l-ebda ftehim tacitu jew espress milhuq bejn il-partijiet fis-sens li l-akkwist li ghalih kien iffirma l-esponent kien qed isir ukoll in rapprezentanza tal-attrici …. . huwa tassew inverosimili u bl-ebda mod ma jista' jitqies li hu spjegabbli ghalfejn jekk din kienet verament prezenti, ma kinitx iffirmat hi wkoll."

41. Barra minn hekk ma rrizultax provat li l-attrici kienet ikkontribwiet finanzjarjament ghax-xiri tal-art jew ghall-ispejjez ta' kostruzzjoni, izda anke jekk tat xi kontribut finanzjarju dan *se mai* seta' biss iwassal ghall-ezistenza ta' kreditu favur l-attrici kontra l-konvenut, tal-flus li kienet harget, imma mhux li jirrendi l-attrici komproprjetarja tal-istess fond. Il-konvenut ikompli jishaq li l-attrici ma ressqet l-ebda prova dwar x'kienu l-kontributi finanzjarji allegatament maghmula minnha, filwaqt li huwa ressaq prova tal-ispejjez maghmula minnu. Inoltre, mill-kuntratt tal-akkwist ma jirrizultax li l-attrici ikkontribwiet ghall-prezz tal-art. Ghalhekk l-ebda somma ma kellha tigi dikjarata dovuta favur l-attrici ladarba din ma ressqitx provi li b'xi mod jikkwantifikaw il-kontribuzzjonijiet allegatament maghmula minnha, ghal kuntrarju tal-konvenut li prezenta ricevuti fuq ismu tal-ispejjez imhallsa minnu.

42. Ghalkemm fl-affidavit tieghu l-bennej Anthony Bonnici li jigi r-ragel ta' oht l-attrici jghid li l-attrici kienet tmur bil-flus u li kienet tghid li kienet tghaddi l-paga taghha lill-konvenut, u ghalkemm fl-affidavit tieghu Raymond Schembri, hu l-attrici, jghid li l-attrici kienet harget flus daqs il-konvenut, dan m'hu sostnut b'ebda prova dokumentali. Il-kontijiet u r-ricevuti kollha hargu fuq isem il-konvenut biss. Certament m'hijiex verosimili t-tezi li, filwaqt li l-attrici tghid li kkontribwiet finanzjarjament ghall-bini tad-dar, isimha ma jidher imkien fuq id-dokumenti tal-hlas. Ghalhekk il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex taghti piz lil dawn ix-xhieda prodotti mill-attrici, kemm ghax dak li stqarru ma kienx sostnut bi provi dokumentali u kemm ghax "certament ma setghux kienu

f'pozizzjoni li verament kienu jafu minn fejn kienu gejjin il-flus li kienu qed jithallsu ghall-bini tad-dar."

43. Ghandha tinzamm differenza bejn il-fatt li l-konvenut kien jinvolvi lill-attrici fil-progett peress li eventwalment kienu se jkunu jghixu fid-dar bhala mizzewwgin u l-fatt li din id-dar kellha titqies li kienet proprjeta` parafernali tieghu minkejja li kienet ser titgawda mit-tnejn.

44. Rigward is-sentenza **PA Marthese Vella et noe v. George Vella** citata mill-ewwel Qorti, il-konvenut jissottometti li l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-principji esposti f'dik is-sentenza ghall-kaz odjern stante li l-fattispecji taz-zewg kazijiet huma differenti. F'dak il-kaz il-provi kienu juru li principalment kienet l-attrici u l-genituri taghha li kkontribwew ghax-xiri tad-dar matrimonjali u li l-verita` kienet dik mistqarra mill-konvenut stess li kien minnu li l-art inxtrat minn missier-l attrici fuq ismu biex tkun taghhom it-tnejn.

45. Min-naha taghha l-attrici tirribatti ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti.

46. Tghid li kif jirrizulta mill-affidavit taghha sostnut minn diversi xhieda l-iskop tal-akkwist kien li l-partjiet jixtru l-art flimkien biex fuqha tinbena d-dar matrimonjali. Di fatti hija kienet ikkontribwiet "hames pagi tajbin" ghax-xiri tal-art, u kienet prezenti meta sar il-kuntratt tal-akkwist. Hija tkompli tghid:

> "qatt ma ghaddielha minn mohha li, ghax ma ntalbitx biex tiffirma l-kuntratt mhux ser tkun qed takkwista sehem fid-dar matrimonjali u li din ser tkun proprjeta` parafernali tal-konvenut. Ma jfissirx li ghaliex l-esponenti ma' kenitx firmatarja fuq kuntratt tal-akkwist, awtomatikament ifisser li hija m'ghandhiex

> sehem. Wiehed ghandu jqis dan kollu, kif ghamlet gustament l-ewwel Qorti, fic-cirkostanzi ta' zminijiet li fih gie pubblikat il-kuntratt. Zminijiet meta l-ligi kienet tikkonsidra r-ragel bhala l-kap assolut tal-komunjoni tal-akkwisti, ir-ragel bhala l-kap tal-familja…. . il-prassi kienet li r-ragel wahdu jiffirma l-kuntratti anke jekk l-eventwali dar matrimonjali kienet qed tinxtara ghal tali skop, anki jekk il-mara tippartecipa bi flus parafernali taghha ghall-akkwist tal-istess. ."

47. Tghid li hi kienet impjegata fl-Isptar bejn Ottubru 1977 sa Dicembru 1982 wara li kienet lahqet *State Registered Nurse*, u ghalhekk kellha introjtu u setghet tikkontribwixxi ghall-akkwist tal-art. Hija tishaq dwar l-involviment shih taghha fl-ghazla ta' fejn ghandha tigi stabbilita d-dar matrimonjali, u ssemmi x-xhieda ta' Anthony Bonnici u ta' Victor Mifsud in sostenn tal-verzjoni taghha li hi kienet prezenti ghall-kuntratt tal-akkwisti u li, ghalkemm ma ffirmatx ghall-kuntratt hija kienet tafda lill-konvenut, allura gharus taghha, billi kienet taghtih hafna flus ghax riedet li d-dar tkun taghhom. Il-verzjoni tal-attrici li hi kienet tuza l-paga kollha taghha ghall-ispejjez tal-post u eventwalment imlew id-dar bl-ghamara, issib sostenn fix-xhieda ta' ohtha Catherine Bonnici. Ohtha l-ohra Marianne Mifsud ukoll xehedet li l-attrici kienet tahdem u l-paga taghha kienet tuzaha ghad-dar. Inoltre, Victor Mifsud ikkonferma li l-partijiet kienu jaqsmu l-ispejjez kollha sabiex inbniet id-dar, u li l-attrici kienet ukoll ghamlet xoghol manwali fuq il-post. Raymond Schembri jghid li lilu l-konvenut kien jghidlu li l-hsieb dejjem kien li l-post ikun taghhom it-tnejn. Mary Coleiro, omm il-konvenut, tghid li hi kienet ta' spiss tmur fuq il-post, u kienet tara lill-attrici ggorr il-gebel u x-xahx. Ticcita wkoll mill-affidavit ta' Anthony Bonnici fejn jghid:

> ". . li l-attrici kienet harget hafna flus ghal fuq il-post. Dan jien nafu ghaliex jiena stess kont il-bennej illi, flimkien ma hija bnejt id-dar taghhom. Wara li konna naghmlu xi xoghol, Julia kienet tigi bil-flus u dejjem kienet tghidli li kienet

> taghti l-paga taghha lil Charles. Fil-fatt Charles stess kien dejjem jghidli 'ha nhallsukom' ghaliex kienu jhallsu kollox flimkien."

48. L-attrici tghid li l-fatt li r-ricevuti li nhargu kienu fuq isem il-konvenut "ftit li xejn ghandha relevanza, tenut kont li f'mohh l-esponent isem min jidher fuq l-ircevuta kien sekondarju ladarba kienu qeghdin jahdmu flimkien ghal skop wiehed, ladarba kien hemm *comunione di fatto* anke jekk kienet ghadha ma skattatx il-komunjoni tal-akkwisti."

49. L-attrici tghid li mhux minnu li d-dar kienet lesta bl-ghamara b'kollox qabel iz-zwieg, izda ssostni li d-dar baqghet tigi rrangata u tintela' bl-ghamara anke wara z-zwieg. Dan jinsab konfermat mill-imsemmi Victor Mifsud meta stqarr li x-xoghlijiet fid-dar matrimonjali tkomplew anke matul iz-zwieg peress li d-dar kien fadlilha x-xoghol xi jsir. Matul iz-zwieg kienu saru anke diversi alterazzjonijiet strutturali u xtraw hafna ghamara ghal god-dar. Dan jinsab konfermat ukoll minn ohtha Marianne Mifsud.

50. L-attrici ssostni li meta l-konvenut iffirma l-kuntratt tal-akkwist tal-art huwa kien qed jaghmel dan kemm fl-interess tieghu, kif ukoll ghan-nom taghha wkoll in forza tal-mandat tacitu. Tkompli tispjega:

> "Jirrizulta sodisfacentement provat li qabel ma sar il-kuntratt tal-akkwist tal-art, il-partijiet kienu ftehmu li l-art li kienet ser tigi akkwistata kienet ser tigi akkwistata mit-tnejn, sabiex fuqha tinbena d-dar matrimonjali tat-tnejn. Il-kuntratt tal-akkwist sar ftit qabel ma zzewwgu meta kienu tgharsu formalment. Il-kontribuzzjonijiet tal-paga tal-esponent ghall-bini tad-dar matrimonjali ma kienx jaghmel sens li kieku l-esponenti ma kienitx konvinta li d-dar [recte: l-art] kienet giet akkwistata f'isimha wkoll, u li dan seta' jsir biss bi ftehim bejn iz-

> zewg partijiet pre-ordinat ghall-kuntratt. Ghalhekk il-fatt li l-esponenti ma ffirmatx il-kuntratt tal-akkwist, izda kienet prezenti, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, ghax il-provi juru li hi ma kienitx iffirmat ghax kienet tafda lill-konvenut u ma kienitx tahseb li ser iqarraq biha. Kien ghalhekk li hi sussegwentement ghall-kuntratt, ma sabet ebda oggezzjoni li taghmel il-kontribuzzjoni taghha qabel iz-zwieg".

51. L-attrici tghid li hi mhux kreditu kontra l-konvenut ghandha, izda sehem ugwali mid-dar matrimonjali tenut kont tal-fatt li l-intiza kienet li din kienet ser isservi bhala d-dar matrimonjali taghhom li fiha kienu ser jghixu flimkien. Ghalhekk il-kwistjoni qatt ma kienet ta' rimbors tal-kontribut li taw individwalment il-partijiet fl-akkwist, izda kienet li d-dar tappartjeni liz-zewg partijiet ugwalment bejniethom. Din il-kwistjoni kienet giet dibattuta quddiem l-ewwel Qorti li minn naha taghha accettat il-verzjoni tal-attrici. Dik il-Qorti wriet li kienet emmnet lill-attrici, u lix-xhieda minnha prodotti u ma strahitx "fuq semplici ricevuti" meta ddecidiet li d-dar kienet saret bis-sahha taz-zewg partijiet bil-kontribut taghhom kemm finanzjarju kif ukoll manwali.

52. Rigward il-prezz tax-xiri tal-art, l-attrici tghid li dan kien fl-ammont ta' LM4,000, u ma kien hemm ebda zball jew nuqqas ta' kjarezza fix-xhieda taghha. "X'gie indikat bhala prezz fuq il-kuntratt hija kwistjoni ta' bejn il-partijiet". Di fatti l-konvenut stess jghid li kien issellef LM1,000 minghand ommu. Min-naha taghha hi kkontribwiet bil-hlas ta' hames xhur paga. Izda dan m'ghandu jincidi bl-ebda mod fuq l-intenzjoni tal-partijiet li jakkwistaw l-art flimkien.

53. Fl-ahharnett u *in subsidium* l-attrici tghid li fil-kaz li din il-Qorti ma taccettax it-tezi taghha, allura ghandha tapplika favur taghha d-dispost tal-Artikolu 55A tal-Kodici Civili li jaghti s-setgha lill-Qorti takkorda d-dritt ta' abitazzjoni esklussivament lil wahda mill-partijiet, u dan ghar-raguni li ghas-separazzjoni personali kien jahti biss il-konvenut li minn naha tieghu ghandu fejn jirrisjedi mal-habiba tieghu fejn ilu jghix ghal dawn l-ahhar snin.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

54. Kif ritenut minn din il-Qorti diversament komposta: "Huwa stabbilit li, biex jinghata mandat bhal dan *[prestanome],* m'hemmx ghalfejn li jkun bil-miktub u l-ligi specjali li thares dan il-kuntratt dan tghidu car, b'mod li lanqas ma hija mehtiega l-kitba biex persuna tahtar lil persuna ohra biex tikseb gid immobbli f'isimha. Jehtieg madankollu, li l-mandat ikun wiehed espress u mhux biss implicitu. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba tal-hatra bhal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piz li jippruvah kif imiss, u din il-prova trid tkun tajba bizzejjed biex toqghod ghall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawzi ta' natura civili".[9]

55. Ghalhekk l-ezercizju li jehtieg isir mill-Qorti gudikanti huwa dak li tiddetermina jekk fil-kaz odjern gewx sodisfacentement provati l-fatti li, kumuluttivament, iwasslu ghall-konfigurazzjoni tal-figura tal-*prestanome*; u din

[9] App. S 1088/03 ***Yvette Galea vs Philip Galea***, deciza 3 ta' Frar 2012

il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ghandha l-kompitu li tezamina jekk id-decizjoni mehuda mill-ewwel Qorti fir-rigward hijiex manifestament zbaljata jew jekk mill-fatti provati ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, cioe` li fuq l-att tal-akkwist il-konvenut kien deher kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom tal-attrici.

56. Din il-Qorti, wara ezami rett tal-atti processwali, hija tal-fehema li, ghalkemm huwa minnu, anzi huwa pacifiku, li l-art kienet giet akkwistata sabiex fuqha tinbena dar li kellha sservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u ghalkemm l-attrici setghet ikkontribwiet finanzjarjmanet ghall-kostruzzjoni tad-dar, kif ukoll ikkontribwiet b'xoghol manwali waqt il-kostruzzjoni, il-fatti provati jsostnu t-tezi tal-konvenut, li meta dan deher fuq il-kuntratt tal-akkwist huwa deher f'ismu proprju biss u bil-ghan li jixrti l-art hu biss. Din il-konkluzjoni hi sostnuta mis-segwenti konsiderazzjonijiet:

57. Kif mistqarr mill-istess attrici fl-affidavit taghha l-konvenut *"ried li jidher hu fuq il-kuntratt"*[10]*.* Tghid li, ghalkemm hi kienet prezenti, hija ma ffirmatx fuq il-kuntratt, u ghajr ghall-fatt li l-konvenut ried li jidher hu biss, kif ukoll li l-attrici kienet fdatu, din ma tat ebda raguni ohra ghaliex ma dehritx fuq il-kuntratt.

58. Din il-Qorti tosserva li sabiex jikkonfigura l-mandat tacitu jehtieg li jigi ppruvat il-kunsens espress, ghalkemm mhux bil-miktub, taz-<u>zewg partijiet</u>;

[10] Fol. 36 – ara wkoll affidavit Catherine Bonnici, oht-l-attrici

jehtieg li jigi ppruvat l-*idem placitum consensus*, taz-zewg partijiet, kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut ghax, huwa l-fuzjoni tal-kunsens taghhom li johloq il-vinkolu legali u jwassal ghall-ezistenza ta' dan il-mandat u ghall-applikazzjoni tal-principji relattivi.

59. F'dan il-kaz, mhux talli ma giex provat li kien hemm tali kunsens taz-zewg partijiet, izda talli jirrizulta pruvat proprju l-kuntrarju. Dan qed jinghad ghax mill-provi rrizulta manifest li minkejja li skont l-attrici din kienet prezenti ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-akkwist tal-art, xorta wahda l-konvenut ried li fuq il-kuntratt jidher hu biss. Dan il-fatt mhux biss jitfa' dubju dwar l-ezistenza tal-fuzjoni taz-zewg kunsensi, izda talli jiddetermina b'mod car li, minkejja dak li setghet fehmet l-attrici, il-kunsens tal-konvenut ghall-mandat tacitu kien manifestament mankanti. Il-provi juru li hu ried jidher wahdu fuq il-kuntratt peress li hu ried li l-proprjeta` tal-art tkun tieghu u tieghu biss.

60. Din il-konkluzjoni tkompli tigi fortifikata bil-konsiderazzjoni li ma kien hemm ebda impediment legali li kien jostakola lill-attrici li tidher fuq l-att li kieku verament kien hemm ftehim bejn il-partjiiet f'dan is-sens. Inoltre, l-attrici lanqas tista' ssib suffragju f'dak deciz fil-kaz **Marthese Vella v. George Vella** indikat ukoll mill-ewwel Qorti, ghax il-fatti f'dak il-kaz kienu differenti.

61. F'dak il-kaz il-Qorti osservat li, ghalkemm l-art kienet giet akkwistata qabel iz-zwieg f'isem il-konvenut, dan kien irrikonoxxa li dan sar peress li l-

gharusa kienet ghadha taht l-eta`. L-istess konvenut kien ukoll irrikonoxxa li l-art kienet taz-zewg partijiet meta ddikjara d-dar matrimonjali bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u dan apparti mill-fatt li kienu l-genituri taghha li hallsu l-maggjor parti tal-ispejjez.

62. Lanqas il-kaz **Rosario Agius v. Carmelo Vella**[11] indikat mill-ewwel Qorti ma jista' jkun ta' sostenn ghat-tezi tal-attrici, stante li anke f'dan il-kaz il-fattispecie kienu differenti. F'dak il-kaz l-ezistenza tal-mandat tacitu kienet sodisfacentement provata, stante li kienet tirrizulta minn xhieda estraneji b'mod partikolari n-nutar li ppubblika l-kuntratt[12].

63. Lanqas il-kaz **PA Lawrence Lanzon v. Rozette Lanzon**[13] imsemmi mill-attrici fir-risposta taghha ma jaghti ebda konfort lit-tezi attrici, stante li f'dak il-kaz l-art li fuqha kienet inbniet id-dar konjugali kienet giet akkwistata mill-partijiet bis-sahha ta' applikazzjoni maghmula taht l-iskema ghall-gharajjes, liema applikazzjoni kienet giet iffirmata miz-zewg partijiet, u ghalhekk il-Qorti f'dak il-kaz waslet ghall-konkluzjoni li meta fuq il-kuntratt deher l-gharus huwa kien qed jidher ukoll ghan-nom tal-gharusa tieghu. Barra minn hekk dak iz-zmien il-*policy* tal-Awtorita` tad-Djar kienet li fuq il-kuntratt jitnizzel biss isem ta' min mill-gharajjes ghandu l-akbar introjtu. Fi kliem iehor kien hemm fatti

---

11 Deciz 26 Gunju 2009

12 F'dik is-sentenza il-Qorti osservat li "In-Nutar Martinelli, xhud indipendenti, ikkonferma li l-konvenut appellant kien accetta u rrikonoxxa, minghajr dubju jew rizerva li l-art kienet tal-ahwa kollha, u ma sab ebda oggezzjoni li hu jaghmel dak kollu li kien mehtieg biex l-art iddur formalment fuq l-ahwa kollha. L-appellant kien stqarr dan mieghu ghal aktar minn darba [ara fo. 99 et seq. ]"

13 Deciza 30 Novembru 2007

konkreti li jwasslu ghall-konfigurazzjoni tal-mandat tacitu sabiex l-gharus jidher fuq il-kuntratt tal-akkwist anke ghan-nom tal-allura gharusa tieghu.

64. Fil-kaz odjern ma rrizultax li l-attrici kienet legalment inkapaci li tidher fuq l-att tal-akkwist tal-art sabiex flimkien mal-konvenut issir kompropretarja tal-istess. Lanqas ma rrizulta sodisfacentement provat li hi kkontribwiet b'mod relevanti ghall-akkwist u ghall-eventwali kostruzzjoni tad-dar. Fir-rigward din il-Qorti ma tistax taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, li l-attrici kienet tat kontribut sostanzjali ghall-finanzjament tad-dar.

65. Din il-Qorti tosserva li l-Qorti ghandha tiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u f'dan il-kaz l-oneru kien jaqa' fuq l-attrici li tipprova sodisfacentement dak allegat minnha li hi verament ikkontribwiet sostanzjalment ghax-xiri tal-art u ghall kostruzzjoni tad-dar. Izda l-provi taghha fir-rigward huma in parte insufficjenti u in parte mankanti. Huma <u>insufficjenti</u> ghax hija strahet fuq dak allegat minnha, kif ukoll fuq dak li x-xhieda taghha, semghu minn ghandha. Hi u whud mix-xhieda partentati maghha jghidu li l-attrici ikkontribwiet hafna ghall-akkwist u bini tad-dar, uhud jghidu li hi kienet harget flus daqs kemm hareg il-konvenut, izda dan jinsab kontraddett mill-konvenut u mill-provi dokumentali[14] esebiti minnu u li jirreferu ghall-perjodu li jestendi minn Settembru 1980 sa Jannar 1982. Dawn juru li l-konvenut hareg ammont konsiderevoli ta' flus ghall-kostruzzjoni tad-dar.

[14] Fol. 2416 tergo *et seq.*

66. Dwar l-akkwist tal-art, l-attrici fix-xhieda[15] taghha tghid li l-art inxtrat ghas-somma ta' LM4,000, li minnhom il-konvenut hallas LM2,000, filwaqt li ommu selfithom LM2,000 ohra li mbaghad hafrithomlhom. L-attrici tghid li sa dak iz-zmien ma kienitx ghadha qabdet il-paga, izda tghid li sussegwentement tat lill-konvenut il-paga ta' hames xhur. Il-Qorti tosserva li anke minn din il-verzjoni tal-attrici, jirrizulta li ghall-akkwist tal-art hi ma hargitx flus, ghax il-kumplament tal-flus selfithomlhom omm il-konvenut li sussegwentement hafrithomlhom.

67. Inoltre, din l-allegazzjoni attrici ssib skontru dirett fil-fatt pruvat li r-ricevuti tal-hlasijiet li saru kollha jghajjtu lill-konvenut. Imkien ma hemm indikat isem l-attrici jew li l-attrici kienet qed thallas parti mill-flus. Jidher biss isem il-konvenut. Anke fuq ir-ricevuti mahruga mill-bennejja Joseph Bonnici u Anthony Bonnici, ir-ragel ta' ohtha, hemm imnizzel biss l-isem tal-konvenut, u hemm iddikjarat b'mod car li l-flus kien qed ihallashom il-konvenut Carmelo Coleiro, u dan minkejja l-fatt li kienet l-attrici li kienet tmur bil-flus u li skont Anthony Bonnici din kienet tghidlu li hi kienet harget nofs il-flus. Dawn l-elementi ta' prova minn banda jdghajjfu serjament l-allegazzjoni tal-attrici, u mill-banda l-ohra jiffortifikaw t-tezi tal-konvenut li kien hu li hallas ghall-akkwist tal-art u ghall-kostruzzjoni tad-dar matrimonjali.

[15] Fol. 2973

68. Barra minhekk din il-Qorti tikkunsidra ferm inverosimili li l-attrici, persuna ta’ certu livell ta’ edukazzjoni, thallas ammonti konsiderevoli ta’ flus ghall-akkwist tal-art u ghall-kostruzzjoni tad-dar, u ma zzommx registru ta’ kemm fil-fatt hallset flus. Wiehed kien ragjonevolment jistenna li, ladarba l-attrici ma kienitx dehret fuq il-kuntratt [ghax hekk ried il-konvenut], u jekk verament hi tat kontribut sostanzjali lill-konvenut ghall-bini tad-dar matrimonjali, hija kienet izzomm kont tal-ammonti li tallega li kienet harget. Izda l-provi fir-rigward huma <u>mankanti</u>, ghax mhux talli ma zammitx kont tal-flus li tghid li harget, izda lanqas biss ikkwantifikat l-ammont mahrug minnha. Tallega li mal-akkwist tal-art kienet harget hames pagi, izda ammonti ma ssemmix, u fil-kontro-ezami taghha baqghet riluttanti li ssemmi figuri minkejja l-mistoqsijiet li sarulha fir-rigward mid-difensur tal-kontro-parti[16].

69. Ghalhekk f’dan ix-xenarju din il-Qorti ma tistax ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, u cioe` li kien hemm kontribut finanzjarju sostanzjali da parti tal-attrici. Dan ma gie provat b’ebda dokument u jidher li l-ewwel Qorti strahet biss fuq il-kelma tal-attrici u dik tal-familjari taghha li xehedu dwar dak li kienet tghidlhom l-attrici, liema verzjoni tinsab kontraddetta mir-ricevuti esebiti mill-konvenut.

70. Din il-Qorti tosserva li jista’ jkun, u fil-probabbilita` hekk sar, li l-attrici kkontribwiet ammonti zghar ta’ flus ghall-kostruzzjoni tad-dar, kif ukoll jirrizulta

[16] Foll. 2976 - 2977

mill-provi li hi kienet tmur ta’ spiss fuq il-lant tax-xoghol biex tghin lill-konvenut li kien jaghmel hafna xoghol manwali, izda dawn il-fatti ma jsostnux it-tezi tal-*prestanome*; isostnu biss li l-attrici tat il-kontribut ghall-kostruzzjoni tad-dar tenut kont tal-fatt li l-fond kien ser iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom. Huwa minnu li d-dar kienet ghalihom, izda b’daqshekk ma jfissirx li hi taghhom it-tnejn.

71. Fl-ahharnett jigi osservat li l-allegazzjoni tal-attrici, sostnuta mix-xhieda taghha, li l-post tlesta wara z-zwieg, hija mdghajjfa serjament mid-dokument datat 15 ta’ Settembru 1980[17] ezebit mill-konvenut, li huwa l-kont mahrug mill-Perit Anthony Zammit tax-xoghlijiet li saru fil-fond “proprjeta` ta’ Carmel Coleiro” ammontanti komplessivament ghal LM3,240.11 li jkopri x-xoghol li sar fil-*groundfloor*, *first floor* u *second floor*. Dan id-dokument juri li sa izjed minn sentejn qabel iz-zwieg il-fond kien mibni kollu, filwaqt li l-imsemmi ammont kien thallas lill-bennejja Joseph u Anthony Bonnici skont ricevuta datata 18 ta’ Gunju 1981 mahruga “tax-xoghol li sar lil Carmelo Coleiro f’“Elba House” New Street, off Zejtun Road, Tarxien”[18].

72. Hemm ukoll ricevuti ohra li juru diversi hlasijiet maghmula mill-konvenut qabel iz-zwieg, fosthom zewg ricevuti[19] datati 23 ta’ Lulju u 15 ta’ Settembru 1982 riferibbilment ghax-xoghol tal-madum; ricevuta datata 29 ta’ Jannar 1982

[17] Foll. 2415 - 2416
[18] Fol. 2417
[19] Fol. 2430

fl-ammont ta' LM700 riferribbilment ghax-xiri ta' sett ta' sufanijiet; fattura[20] ta' ordni maghmula mill-konvenut lil Farrugia Twin Woodwork Co. Ltd. ghal sett tal-kamra tal-ikel li tiswa LM640, liema fattura[21] hi datata 18 ta' Lulju 1981 u li fuqha hemm indikat li l-konvenut hallas LM240, u ricevuta[22] ohra ta' LM400 datata 5 ta' Novembru 1982 [li pero` ma hemmx indikat min hallas]. Hemm ukoll ricevuta datata 15 ta' Ottubru 1982 fl-ammont ta' LM350 mahruga mill-istess kumpanija ghal kamra tas-sodda [li pero` ma hemmx indikat min hallas]. Hemm ukoll ordni maghmula mill-konvenut lill-istess kumpanija datata 18 ta' Lulju 1981 ghal sett ta' kamra tas-sodda fl-ammonti ta' LM800 u LM750, u li mill-fattura[23] jirrizulta li l-konvenut kien hallas akkonti ta' LM350 u 350. Hemm ukoll ricevuta[24] data 28 ta' Mejju 1982 fl-ammont ta' LM570.

73. Gew esebiti wkoll ricevuti ohra mahruga mill-istess kumpanija ghal ordnijiet ta' ghamara tad-dar li jgibu data qabel id-data ta' zwieg li pero` ma hemmx indikat isem min qed ihallas. Fir-rigward, il-Qorti tosserva li la l-ordni u d-depozitu saru mill-konvenut, ghandha fin-nuqqas ta' provi konkreti li juru l-kuntrarju, tipprevali l-prezunzjoni ta' fatt li anke dawn il-hlasijiet saru mill-konvenut.

[20] Fol. 2436
[21] Fol. 2436
[22] Fol. 2436 tero
[23] Fol. 2437
[24] Fol. 2437 tergo

74. Dawn id-dokumenti jssufragaw it-tezi tal-konvenut li d-dar kienet lesta u mghammra, almenu b'certu ghamara essenzjali, qabel iz-zwieg f'Dicembru 1982.

75. Din il-Qorti pero` tikkonsidra gust li, la darba d-dar matrimonjali hi parafernali tar-ragel, u la darba rrizulta car li matul il-kostruzzjoni tad-dar l-attrici kienet tghin lill-konvenut fix-xoghol manwali, kif xehedet omm l-istess konvenut, kif ukoll ladarba matul il-hajja matrimonjali l-attrici bil-hidma taghha tul is-snin indokrat u zammet id-dar fl-istat li hi, din il-kontribuzzjoni tal-mara ghandha tinghata valur, u dan in linea mal-hsieb enunzjat minn din il-Qorti diversament komposta fil-kawza **Yvette Galea vs Philip Galea**[25]. Fil-kaz odjern, tenut kont li din il-kontribuzzjoni da parti tal-attrici ilha sejra sa minn qabel is-sena 1982, u ghadha ghaddejja sallum peress li ghadha tghix fid-dar fejn jghixu wkoll ulied il-partijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkwantifika dan ix-xoghol kollu maghmul mill-attrici fl-ammont komplessiv ta' €20,000.

76. Inoltre, peress li l-attrici ghadha tghix fid-dar matrimonjali fejn ukoll jghixu t-tfal tal-partijiet, u b'mod partikolari tenut kont li ghas-separazzjoni jahti biss il-konvenut, din il-Qorti ser tawtorizza lill-attrici li ghal perjodu limitat tibqa' tghix fid-dar konjugali, b'eskluzjoni tal-konvenut, sa erba' [4] snin millum, wara

[25] F'din il-kawza din il-Qorti kienet ikkomputat il-valur tal-kontribut moghti mill-attrici fir-rigward tad-dar matrimonjali proprjeta' parafernali tal-attrici fl-ammont ta' €13,000

liema perjodu hi ser tigi ordnata li thalli l-fond liberu u battal f'idejn il-konvenut li ghandu fl-istess hin ihallasha s-somma ta' €20,000 fuq likwidata.

77. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u l-appell tal-konvenut f'dan ir-rigward ser jigi milqugh limitatament fis-sens li jigi dikjarat li d-dar matrimonjali ma kellhiex titqies proprjeta` taz-zewg partjiiet, izda ghandha titqies bhala proprjeta` parafernali tal-konvenut, filwaqt li tikkwantifika l-kontribut moghti mill-attrici ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam mad-dar matrimonjali fl-imsemmija somma ta' €20,000.

*It-tielet aggravju*

78. Dan jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza appellata rigwardanti l-izbanki ta' flus tal-komunjoni maghmula mill-attrici minghajr il-kunsens tal-konvenut, kif ukoll dwar ir-rifuzjoni lill-attrici tal-ammont €1,048 li din hallset relattivament ghall-kontijiet tad-dawl u ilma. Il-parti relevanti taqra hekk:

> "Illi f'dan ir-rigward l-attriċi qed titlob rifużjoni ta' ħlas li għamlet hi għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma li skont digrieti tal-Qorti kellu jħallas il-konvenut. Il-Qorti se tikkundanna lill-istess konvenut iħallas is-somma ta' elf u tmienja u erbgħin Ewro (€1,048) skont id-digriet tal-20 ta' Ġunju 2007; dwar ħlasijiet oħra wieħed irid ukoll jiftakar li l-attriċi issa ilha minn Novembru 2009 tgħix fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut.
>
> "**Beni mobbli**
>
> "Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji, ishma fi skemi ta' investimenti kollettivi, bonds u poloz t'assikurazzjoni li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Il-kontijiet f'isem it-tfal li issa huma maġġorenni kif intqal, ma humiex parti mill-kawża u għandhom jibqgħu f'isimhom. L-attriċi

ressqet provi li l-konvenut qabad u sarraf tliet elef, tmien mija u erbgħin Ewro (€3,840) – kont imsejjah Life Link mal-Bank of Valletta, u elfejn, erba' mija u tmien Ewro (€2,408), u elfejn, tliet mija u tmintax-il Ewro (€2,318) f'*policies* fuq it-tfal. Dan ma hux kontestat u l-konvenut għandu jħallas nofshom lill-attriċi – b'kollox erbat elef, mitejn u tlieta u tmenin Ewro (€4,283).

"Illi l-konvenut qed jallega li l-attriċi żbankat *circa* għaxart elef Liri Maltin (Lm10,000) matul il-kors tal-proċeduri. Dwar dan hemm element ta' prova u ma hemmx dubju li l-attriċi, kif ngħidu bil-Malti meta beda jberraq, bdiet sistematikament tiżbanka ċertu ammonti minn kontijiet bankarji appartanenti għall-komunjoni tal-akkwisti (fol 2034 *et sequitur*). L-ammonti pero` mhumiex xi somom fenominali u probabbli li uħud mill-prevelamenti saru għall-bżonnijiet li kellha iżda l-ammont komplessiv *sia pure* imkien viċin lejn dak li qed jallega l-konvenut, iwassal għal konvinċiment li l-attriċi kienet qed tipprepara għad-deċiżjoni finali fil-kawża anke in vista tal-fatt li kienet taf li l-konvenut kien qed jagħmel l-istess; *arbitrio boni viri* l-Qorti qed tillikwida s-somma dovuta mill-attriċi lill-konvenut fis-somma ta' sebat elef u ħames mitt Ewro (€7,500)."

79. Il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' dak li hu kien effettivament wera li kienu flejjes tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-attrici kienet approprijat ruhha minnhom, izda dik il-Qorti kellha tillikwida l-ammont intier li intalab minnu. Hu jghid li meta beda jinqala' l-inkwiet bejn il-partijiet l-attrici bdiet sistematikament tizbanka ammonti minn kontijiet bankarji appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Jghid li dawn l-ammonti kienu jammontaw ghal circa LM10,000. Dan kien huwa ammess mill-attrici stess li spjegat li kienet ghamlet hekk sabiex tkun tista' tibda l-proceduri tas-separazzjoni, u wkoll tmantni t-tfal.

80. Dwar il-*quantum* ta' dawn l-ammonti l-konvenut fir-rikors tal-appell tieghu jaghti dettalji ta' granet u ammonti li ngibdu mill-attrici ad insaputa tal-konvenut. Jirrizulta li fid-9 ta' April u 8 ta' Gunju <u>2002</u> l-attrici gibdet zewg

ammonti li komplessivament jammontaw ghal LM2,500; fl-20 ta' Awissu 2003 gibdet l-ammont ta' LM761.90; fil-11 u fit-12 ta' Marzu 2004 gibdet hames ammonti li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' LM3,569.84; fis-19 ta' Gunju 2004 zbankat l-ammont ta' LM578.81; fis-27 ta' Settembru 2004 zbankat l-ammont ta' LM1,141.15; fid-29 ta' Novembru 2004 zbankat l-ammont ta' LM535.76; fit-22 u fis-27 ta' Mejju 2005 zbankat zewg ammonti li komplessivament jammontaw ghal LM3,376.47; fl-1 ta' Frar 2008 zbankat €892.97 [LM383.24]. B'kollox LM12,847.17[26].

81. Il-konvenut isostni li kellu jigi rifuz lilu nofs l-ammont ta' LM13,356.90 [ekwivalenti ghal €15,556.60] rapprezentanti dan in-nofs sehemu minn dawn l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, u mhux l-ammont ta' €7,500 kif ordnat mill-ewwel Qorti, u dan irrispettivament mir-raguni ghalfejn l-attrici ghamlet dawn l-izbanki u kif uzat il-flus zbankati. Jghid li wara kollox rigward l-ammont ta' €4,283, riferribbilment ghal dak li l-konvenut kien sarraf minn *policies* investiti, l-ewwel Qorti ordnatlu sabiex jirrifondi dan l-ammont minghajr ma qaghdet tqis jekk kienux ammonti li huwa kien gibed ghall-bzonnijet tieghu.

82. Il-konvenut jghid ukoll li ma l-imsemmi ammont ghandhom jizdiedu ammonti ohra, l-aktar frekwenti dawk fl-ammont ta' LM50, li l-attrici kienet zbankat fuq perjodu li jestendi mis-sena 2002 sas-sena 2004, u li komplessivament jammontaw ghal LM3,845. Dan l-ammont mghadud mal-

[26] U mhux LM13,356.90 kif erroneament indikat fir-rikors tal-appell

ammont fuq indikat ta’ LM13,356.90 iwassal ghas-somma komplessiva ta’LM17,201.90 ekwivalenti ghal €40,069.64. Skont il-konvenut, nofs dan l-ammont u cioe` €20,034.82 huwa sehemu minn dawn l-assi u ghalhekk ghandu jigi rifuz lilu dan l-ammont mill-attrici.

83. Rigward dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenut gie ordnat li jrrifondi lill-attrici s-somma ta’ €1,048 arretrati ta’ kontijiet tad-dawl u ilma, il-konvenut jilmenta li l-Qorti ma qiesitx dak mistqarr minnu fix-xhieda tieghu tal-10 ta’ Novembru 2009 fejn spjega li hu kien ghadda lill-attrici l-ammonti ta’ LM1,380 u LM780, u ghalhekk din kellha flus bizzejjed sabiex thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

84. L-attrici irribattiet ghal dan l-aggravju bis-segwenti konsiderazzjonijiet.

85. Rigward il-kontijiet tad-dawl u ilma, l-attrici tghid li dak mistqarr mill-konvenut fix-xhieda tieghu ma jsibx riskontru fil-provi. Fil-fatt meta l-attrici kienet irrikorriet quddiem l-ewwel Qorti ghad-digriet fir-rigward, il-konvenut qatt ma ressaq difiza fis-sens li hu kien diga` taha dawn il-flus. Il-konvenut stess in kontro-ezami fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2011 jghid li hu ma kien hallas xejn minn dawn il-kontijiet.

86. Rigward l-izbanki l-attrici tghid:

"minn imkien fix-xhieda taghhom u l-provi dokumentali minnhom imressqa ma jirrizulta li l-esponenti gibdet ammont 'mal-hmistax-il elf lira maltin kif jallega l-konvenut fix-xhieda tieghu tad-19 ta' April 2010 li fir-rikors tal-appell tieghu issa jikkontendi li jammontaw ghal LM13,356. 90 u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kien stqarr li jammontaw ghal LM17,201. 90. Dan mhux biss ghaliex ma jirrizultax li kien hemm dawk l-ammonti tal-flus depozitati, izda wkoll ghax ma jsostnix din l-allegazzjoni bl-ebda prova dokumentali jew inkella b'referenza ghax-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tal-banek…. . Jigi puntwalizzat fir-rigward li z-zewg partijiet kellhom card li biha kienu jistghu jaccessaw il-kontijiet bankarji u l-flus kien jintefqu ghall-ghixien ta' kuljum. Is-snin 2002 sas-sena 2004…. m'ghandhomx jitqiesu rilevanti ghaliex il-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien taht saqaf wiehed u l-ammonti ta' LM50 li kienu jingibdu kienu jkunu ghal ghixien u l-bzonnijiet tal-familja…. Minn ezami tax-xhieda tar-rapprezentanti tal-Banek jirrizulta li l-maggor parti tal-flus li kien hemm depozitati fil-Bank of Valletta plc. gew trasferiti f'kont iehor fl-HSBC…… [inoltre] l-appellant kellu l-prokura tal-esponenti u allura seta' hu jaghmel l-arrangamenti u t-tranzazzjonijiet mal-banek f'isimha."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

87. Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici kellha diversi kontijiet fuq isimha, u tghid li parti mill-flus kienu ingibdu minnha biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-hajja. Fix-xhieda[27] taghha tispjega hekk fir-rigward:

"Jien kulma kien hemm xi [LM] 10,000 [illum €23,300] fuq parir tal-avukata tieghi ta' dak iz-zmien kont gbithom biex inkun nista' nibda l-kawza u nkompli immantni t-tfal, ghax dan waqqafli kollox u jien ma kontx nahdem, imbaghad bdejt bil-paga tieghi. Fl-2004 qbadt ergajt nahdem jien, indipendenti u kabbart lit-tfal wahdi."

88. Din il-Qorti tosserva li sat-3 ta' Lulju 2009 meta nghata d-digriet[28] sabiex il-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali huwa kien ghadu formalment

[27] Fol. 2985
[28] Liema digriet gie sussegwentement konfermat minn din il-Qorti diversament komposta fis-7 ta' Mejju 2010 – Fol. 2680

jghix fid-dar konjugali. Fil-frattemp l-attrici baqghet ghaddejja tiehu hsieb id-dar u t-tfal tal-partijiet, u ghaldaqstant hija verosimili it-tezi taghha li parti mill-ammonti indikati mill-konvenut intefqu ghall-bzonnijiet tal-familja, *multo magis* meta jigi kkonsidrat li l-attrici ma kienitx ghadha bdiet tahdem barra mid-dar, u ghalhekk qabel ma bdiet tahdem kellha bilfors taqa' fuq id-depoziti bankarji ghall-ghajnuna finanzjarja li kienu jifformaw parti tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan ghandu jigi kkonsidrat ukoll fid-dawl tal-fatt li ghal habta ta' Novembru 2002 il-konvenut beda r-rapport tieghu, li eventwalment spicca f'relazzjoni extra-matrimonjali, fil-miftuh ma' Virginia Portelli, u ghalhekk l-attrici kellha ragun li ma tistrihx fuqu ghall-ghajnuna finanzjarja li kellha bzonn sabiex tkompli tmexxi l-familja taghha, principalment ghaliha u ghat-tfal tal-partijiet.

89. Il-Qorti tosserva li minn ezami tad-dokumenti esebiti mill konvenut, jirrizulta li l-ammonti zbankati komplessivament jammontaw ghal LM13,412 u mhux LM13,549 kif indikat mill-konvenut fin-nota tieghu.

90. Fit-tieni lok jinghad li rrizulta pacifiku li bejn is-snin 2002 u 2008 gew zbankati diversi ammonti ta' flus minn kontijiet bankarji li, ghalkemm kienu fuq isem l-attrici, kienu assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-vertenza ghalhekk tirriduci ruhha ghad-determinazzjoni tal-*quantum* tal-ammonti zbankati mill-attrici, ta' kemm minn dawn l-ammonti servew sabiex thallsu l-ispejjez ghall-bzonnijiet tal-familja, u x'inhu l-bilanc li talvolta huwa dovut lill-konvenut bhala sehemu minn dawn l-assi.

91. Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kellhom prokura reciproka relattiva ghall-kontijiet bankarji li huma kellhom fuq isimhom separatament. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut. [29] Ghalhekk l-izbanki li saru setghu saru kemm mill-attrici kif ukoll mill-konvenut minkejja li l-kontijiet jghajtu lill-attrici.

92. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li, rigward tal-izbanki bankarji, dak li jirrizulta sodisfacentement provat huwa li gew zbankati mill-attrici ammonti li komplessivament iwasslu ghas-somma ta' €23,300, u huwa in bazi ghal dan l-ammont li ghandha ssir il-komputazzjoni ta' kemm ghandu jigi rifuz lill-konvenut wara li jitnaqqsu l-ispejjez necessarjament mehtiega ghall-bzonnijiet tal-familja.

93. L-attrici tghid ukoll li ghall-ispejjez tal-hajja hija kienet tonfoq LM50 [illum €116.50] fil-gimgha, filwaqt li "il-bqija kien ihallas hu". Il-Qorti hi tal-fehma li din ir-rata ta' infiq ghall-ispejjez tal-hajja hija ragjonevoli u verosimili tenut kont li l-attrici kellha jghixu d-dar maghha z-zewgt itfal tal-partijiet li ghalkemm illum maggjorenni kienu ghadhom qed jistudjaw biex jidhlu fl-edukazzjoni terzjarja. Komputati l-ispejjez tal-hajja bir-rata ta' €116.5 fil-gimgha ghal circa sitt snin bejn April 2002 u April 2008 [minghajr ma tittiehed kont tar-rata ta' inflazzjoni dejjem tizdied matul iz-zmien] dawn jammontaw ghas-somma globali ta' €36,348[30] u ghalhekk ferm izjed mill-ammont ta' flus zbankati mill-attrici.

---

[29] Vol. 5 – Foll. 2639 u 2956
[30] €116.5 x 52 x 6 = €36,348

94. F’dan l-istadju huwa opportun li jigi rilevat ukoll li fis-sena 2004 l-attrici bdiet tahdem barra mid-dar u ghalhekk kienet bdiet tiggenera introjtu, filwaqt li l-konvenut baqa’ jahdem u jiggenera introjtu, izda ghalkemm dan l-introjtu kellu jigi komputat bhala assi tal-komunjoni, mill-provi ma jirrizultax l-ammont ta’ dan l-introjtu, kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut, u ghalhekk ma jistax jigi komputat.

95. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u kkonsidrati c-cirkostanzi kollha, u tenut kont li l-ammont tal-ispejjez tal-hajja bejn 2002 u 2008 jissupera l-ammont ta’ €23,300 zbankati mill-attrici, din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici m’ghandha tirrifondi xejn lill-konvenut, u ghalhekk dik il-parti tas-sentenza fejn l-attrici giet ordnata li tirrifondi €7,500 lill-konvenut ser tigi revokata.

96. Rigward il-hlas tal-arretrati tal-kontijiet ghall-konsum tad-dawl u ilma fid-dar matrimonjali**,** li l-konvenut kien gie ordnat ihallas mill-ewwel Qorti fil-mori tal-proceduri, din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament diskrezzjonali maghmul mill-ewwel Qorti, u li din il-Qorti hi tal-fehma li hu wiehed gust u ragjonevoli.

97. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat fl-intier tieghu.

*Ir-raba’ aggravju*

98. Illi dan jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza u hu fis-sens li l-konvenut ma kellux jigi akkollat l-ispejjez kollha. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li ladarba l-htija ghas-separazzjoni personali qed tigi attribwita unikament lill-konvenut, allura huwa l-konvenut li ghandu jhallas l-ispejjez tal-proceduri quddiem l-ewwel istanza, filwaqt li rigward l-ispejjez tal-appell parti mill-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici stante li wiehed mill-aggravji rrizulta fondat.

99. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza appellata limitatament kif ser jinghad: billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti, wara li llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti, ordnat il-bejgh tal-fond "Elba" Triq il-Knisja Tarxien, u minflok, tiddikjara li dan il-fond huwa proprjeta` parafernali tal-konvenut u jappartjeni lilu fl-intier tieghu, tikkwantifika l-kontribut tal-attrici ghax-xoghol kollu li ghamlet fid-dar matrimonjali fl-ammont ta' ghoxrin elf euro [€20,000], tawtorizza lill-attrici tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ghal perjodu ta' erba' snin dekorribbli mil-lum, u wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu l-attrici ghandha thalli l-fond liberu u battal f'idejn il-konvenut li fl-istess hin ghandu jhallasha l-imsemmija somma ta' €20,000; tirrevoka dik il-parti tas-

sentenza fejn l-attrici giet ordnata li thallas lill-konvenut is-somma ta’ sebat elef u hames mitt euro (€7,500) b’mod li allura l-attrici ma ghandha taghti xejn lill-konvenut; tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jinqasmu erbgha minn hamsa [$^{4}/_{5}$] ghall-konvenut u wiehed minn hamsa [$^{1}/_{5}$] ghall-attrici filwaqt li dawk tal-appell ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] mill-konvenut u r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] ikun a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------